PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 24

It-Tnejn, 19 t'Ottubru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

KUMPANIJI MULTINAZZJONALI – STRUTTURI FISKALI – REPUTAZZJONI

276. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern iqisx li strutturi fiskali relatati ma' kumpaniji multinazzjonali jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni internazzjonali ta' Malta fil-qasam tat-taxxa u l-governanza finanzjarja?

24/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern jirrikonoxxi li r-reputazzjoni internazzjonali ta' pajjiż fil-qasam tat-taxxa u l-governanza finanzjarja hija element kruċjali għall-fiduċja tal-investituri u għall-pożizzjoni ta' Malta fis-sistema ekonomika globali. Kien għalhekk li s-sistema ta' tassazzjoni tagħna ġiet approvata mill-Kummissjoni Ewropea fil-proċess li Malta wettqet meta saret Stat Membru tal-Unjoni. Dan sar wara proċess ta' diskussjoni fl-għola livell.

F'dan il-kuntest, il-Gvern iqis li dak li jista' potenzjalment jagħmel ħsara lir-reputazzjoni mhuwiex l-eżistenza ta' strutturi fiskali leġittimi relatati ma' kumpaniji multinazzjonali, iżda kwalunkwe użu abbużiv jew mhux trasparenti ta' tali strutturi li ma jkunx konformi mal-istandards internazzjonali.

Għaldaqstant, il-Gvern ma jqisx li strutturi fiskali leġittimi fihom infushom jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni ta' Malta, iżda jenfasizza li kull forma ta' abbuż jew nuqqas ta' konformità għandha tiġi indirizzata b'mod determinat sabiex tiġi mħarsa u msaħħa r-reputazzjoni tal-pajjiż.

Bħalma dejjem sar, iż-żewġ naħat tal-kamra dejjem ġibdu l-istess ħabel fuq is-sistema fiskali tal-pajjiż u nittama li l-oppożizzjoni ma tbiddilx tali approċċ fl-aħjar interess tal-pajjiż.

Seduta Numru 24
19/10/2026

KUMPANIJI MULTINAZZJONALI – MINIMUM CORPORATE TAX

277. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Malta hijiex qed tapplika b'mod sħiħ il-ftehim internazzjonali dwar minimum corporate tax globali ta' 15% għall-kumpaniji multinazzjonali?

24/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-regoli Globali Kontra l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa (Pillar Two) ġew implimentati fl-UE permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2022/2523 tal-14 ta' Diċembru 2022. Skont l-Artikolu 50(1) ta' dik id-Direttiva tal-UE, Stati Membri li għandhom mhux aktar minn *12 ultimate parent entities* ta' gruppi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva setgħu jagħżlu li ma japplikawx ir-regola ta' inklużjoni tal-introjtu (IIR) u ir-regola dwar il-profitti sottontaxxati (UTPR) għal sitt snin fiskali konsekuttivi li jibdew mill-31 ta' Diċembru 2023.

Malta nnotifikat lill-Kummissjoni tal-UE f'Settembru 2023 bl-interess tagħha li tapplika tali deroga, u dan sussegwentement ġie rreġistrat uffiċjalment mill-Kummissjoni tal-UE fil-Ġurnal Uffiċjali

Seduta Numru 24
19/10/2026

LISTA TA' KUMPANIJI MULTINAZZJONALI

278. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux intenzjoni jippubblika lista ta' kumpaniji multinazzjonali li qed jibbenefikaw minn arranġamenti fiskali partikolari permezz ta' sussidjarji Maltin?

24/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-lista li qed jirreferi għaliha ma tistax tiġi ppubblikata peress li tinkludi informazzjoni li taqa' taħt ir-reġim fiskali u skont id-dispożizzjonijiet tal-Atti dwar it-Taxxa Kap. 372.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ELEZZJONI ĠENERALI 2026 – VOTANTI REĠISTRATI

279. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' votanti reġistrati fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2026?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija entità kostituzzjonali indipendenti li ma taqa' taħt il-kontroll tal-ebda Ministeru. Peress li l-mistoqsijiet tal-Onor. Membru qed jirreferu għal statistika marbuta mal-proċess elettorali, li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Elettorali, nitlob li l-mistoqsijiet jitressqu għal konsiderazzjoni tal-istess entità kostituzzjonali.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ELEZZJONI ĠENERALI 2026 – ĊITTADINI MALTIN NATURALIZZATI

280. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm mill-votanti reġistrati fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2026 kienu ċittadini Maltin naturalizzati?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija entità kostituzzjonali indipendenti li ma taqa' taħt il-kontroll tal-ebda Ministeru. Peress li l-mistoqsijiet tal-Onor. Membru qed jirreferu għal statistika marbuta mal-proċess elettorali, li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Elettorali, nitlob li l-mistoqsijiet jitressqu għal konsiderazzjoni tal-istess entità kostituzzjonali.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ELEZZJONI ĠENERALI 2026 – VOTANTI NATURALIZZATI – STATISTIKA

281. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika maqsuma skont is-sena ta' naturalizzazzjoni tal-votanti li kienu eliġibbli biex jivvutaw fl-Elezzjoni Ġenerali tal-2026?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija entità kostituzzjonali indipendenti li ma taqa' taħt il-kontroll tal-ebda Ministeru. Peress li l-mistoqsijiet tal-Onor. Membru qed jirreferu għal statistika marbuta mal-proċess elettorali, li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Elettorali, nitlob li l-mistoqsijiet jitressqu għal konsiderazzjoni tal-istess entità kostituzzjonali.

Seduta Numru 24
19/10/2026

SPTAR MOUNT CARMEL – PJANIJIET DWAR IL-BINJA

634. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma l-aħħar pjanijiet tal-Gvern dwar il-binja tal-Isptar Mount Carmel?

01/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern qed iwettaq l-akbar investiment li qatt sar fis-servizzi tas-saħħa mentali f'pajjiżna. Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-istqarrija pubblika, li qed nirriproduċi fuq il-Mejda tal-Kamra. Fi żjara li għamilt reċentement, fl-istess sptar li għalih qed issir referenza fl-interpellanza, spjegajt li l-Gvern jemmen li l-kura fl-isptar għandha tingħata għall-inqas żmien possibbli. Fissirt kif qed nagħtu l-aħjar servizzi permezz ta' swali ġodda, mgħammra bl-aqwa ambjent għal dawk li jkunu jeħtieġu s-servizzi għal perjodu qasir sabiex jingħataw il-kura akuta li jeħtieġu. Il-pjanijiet tal-Gvern huma li jkomplu jibnu fuq il-ħidma tas-snin li għaddew filwaqt li nirrikonoxxu u nindirizzaw l-isfidi li għad fadal. Intenni li qed inħares 'il quddiem għal aktar investiment, fosthom il-proġett li qed jitnieda fl-Isptar Mater Dei fejn ser jinbnew swali ġodda tal-psikjatrija.

Seduta Numru 24
19/10/2026

SPTAR MATER DEI – SPTAR TAS-SAĦĦA MENTALI – BINJA

635. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma l-aħħar pjanijiet tal-Gvern dwar l-isptar tas-saħħa mentali l-ġdid, fl-Isptar Mater Dei? Jista' jgħid ukoll meta ser jibda jinbena u meta ser jitlesta?

01/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-pjan dwar l-espansjoni tad-Dipartiment tal-Emerġenza u Sptar Akut tas-Saħħa mentali diġà ġew imħabbra. Ix-xogħol beda matul ix-xahar t'Awwissu u mistenni jdum tliet snin biex jitlesta.

Seduta Numru 24
19/10/2026

SPTAR KARIN GRECH – BINJA

636. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma l-aħħar pjanijiet tal-Gvern dwar il-binja u s-servizzi li jingħataw fl-Isptar Karin Grech?

01/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjan huwa li s-servizzi tar-Rijabilitazzjoni jiġu temporanjament rilokati sakemm titlesta l-binja definita ġewwa San Luqa, skont il-Master plan. Il-pjan għas-servizzi ġerjatriċi huwa li dawn jiġu rilokati fl-Intermediate Care Hospital li ser jinbena ġewwa San Vinċenz.

Seduta Numru 24
19/10/2026

L-ISPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX

637. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma l-aħħar pjanijiet tal-Gvern dwar l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex?

01/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern huwa kommess li jkompli jsaħħaħ l-infrastruttura u jikkonsolida s-servizzi offruti fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, bil-għan li l-pazjenti jibbenefikaw minn kura tas-saħħa moderna, sigura u xierqa. Fejn dan ikun fattibbli, il-Gvern qiegħed ikompli jintroduċi servizzi addizzjonali lokalment sabiex inaqqas il-ħtieġa li residenti Għawdxin ikollhom jivvjaġġaw lejn Malta għall-kura. Fl-istess waqt, il-pjanijiet għall-isptar il-ġdid qegħdin jipproċedu wara l-finalizzazzjoni tal-masterplan, bl-enfasi f'dan l-istadju tkun fuq ir-rilokazzjoni tas-servizzi mill-parti tat-Tramuntana tal-kampus, li tifforma ż-żona maħsuba għall-bini tal-isptar il-ġdid.

Seduta Numru 24
19/10/2026

SPAZJU INDUSTRIJALI – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI

778. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għal spazju industrijali u x'inhi l-medja taż-żmien li applikant jistenna sabiex tiġi deċiża l-applikazzjoni tiegħu?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ALLOKAZZJONIJIET TA' PROPRJETÀ INDUSTRIJALI LI ĠEW REVOKATI

779. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew revokati allokazzjonijiet ta' proprjetà industrijali matul l-aħħar tliet snin minħabba nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dawn l-aħħar tliet snin ġew revokati 22 allokazzjoni għal raġunijiet ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet diversi. Diversi azzjonijiet legali oħra ġew intavolati quddiem il-Qrati rispettivi.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PROĠETTI STRATEĠIĊI

780. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jelenka liema huma l-proġetti strateġiċi kollha li għandu fil-pjan tiegħu?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru preżentement huwa responsabbli mit-tmexxija ta' numru ta' proġetti strateġiċi, li jinkludu:
• L-iżvilupp b'konċessjoni tal-Binja Evans
• L-iżvilupp b'konċessjoni tal-Ex-Pixkerija
• L-iżvilupp b'konċessjoni tax-Chalet f'Tas-Sliema
• Ir-reklamazzjoni tal-art (fil-viċinanza tal-Ponta ta' Bengħajsa)
• L-iżvilupp ta' Logistics Hub / Free Trade Zone fil-periferija tal-ajruport
• L-iżvilupp b'konċessjoni tal-Palazz ta' Selmun
• L-iżvilupp ta' Family Entertainment Park ġewwa Ta' Qali
• Ir-riġenerazzjoni tal-Car Park ta' Tas-Sliema (żona tal-Ferries)
• It-Tiġdid tal-Flotta tal-Gozo Channel

Seduta Numru 24
19/10/2026

PROĠETTI STRATEĠIĊI – INAWGURAZZJONIJIET

781. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jindika s-sena li fiha se jkun qed jiġi inawgurat kull proġett strateġiku elenkat fil-lista tal-proġetti strateġiċi kollha, kif ukoll id-data li ser ikun komplut b'mod separat?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jgħid għal liema lista qiegħed jirreferi.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PROĠETTI STRATEĠIĊI – STIMA

782. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu stmat li jiswa f'fondi pubbliċi kull proġett strateġiku elenkat fil-lista tal-proġetti strateġiċi kollha, b'mod separat?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jiċċara għal liema lista qiegħed jirreferi.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PROĠETTI STRATEĠIĊI – DĦUL

783. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jrendu fi dħul fl-ekonomija Maltija kull proġett strateġiku elenkat fil-lista tal-proġetti strateġiċi kollha, matul l-ewwel tliet snin minn wara li jiġu kompluti separatament?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jiċċara għal liema lista qiegħed jirreferi.

Seduta Numru 24
19/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU - MIŻURI

1062. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 52 u jgħid x'miżuri konkreti qegħdin jittieħdu biex is-sistema tat-trasport pubbliku f'pajjiżna titjieb u jkun żgurat li t-trasport ikun iktar puntwali, ta' min joqgħod fuqu (reliable) u komdu (mhux iffullati bin-nies)?

08/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, minn April tas-sena li għaddiet, saru aktar minn sittin intervent fuq in-network tat-trasport pubbliku, bil-għan ewlieni li jissaħħaħ u jitjieb is-servizz offrut lill-pubbliku. Fost dawn l-interventi wieħed isib sbatax ir-rotta ġdida, dsatax li esperjenzaw żidiet fil vjaġġi jew żieda fil-frekwenza tas-servizz u għoxrin rotta li kienu estiżi għal inħawi ġodda jew inkella ġew modifikati. Dawn l-interventi inkludew it-tisħiħ tas-servizz lejn żoni industrijali u edukattivi, it-tnedija ta' rotot ġodda, estensjonijiet u modifiki f'rotot eżistenti, żidiet fil-frekwenzi, kif ukoll it-tnedija ta' żewġ faċilitajiet ġodda ta' Park and Ride. Dan it-tibdil fin-network wassal ukoll għal żieda fin-numru ta' karozzi tal-linja li qed joperaw is-servizz.

Iż-żieda fil-flotta operattiva fissret ukoll żieda fin-numru ta' seats available, u għaldaqstant ikkontribwiet sabiex jitnaqqas l-iffullar f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata u fuq ċerti rotot fejn id-domanda tkun ogħla.
Ta' min ifakkar ukoll fl-introduzzjoni tas-servizz tat-trasport pubbliku permezz tal-Fast Ferry, li daħal fis-seħħ f'Mejju li għadda. Dan il-mezz ta' trasport qiegħed joffri alternattiva oħra ta' trasport pubbliku, b'mod aktar effiċjenti u sostenibbli, filwaqt li jkompli jikkumplimenta n-network eżistenti tat-trasport pubbliku.

Seduta Numru 24
19/10/2026

TALLINJA CARD

1063. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 53 u jgħid meta ġiet introdotta Tallinja Card? Jista' jgħid ukoll kemm hi l-ispiża biex tagħmel Tallinja Card ġdida u kemm kienet tiswa Tallinja Card ġdida meta ġiet introdotta?

08/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 53.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – IMPJEGATI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1230. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni b'diżabilità impjegati fid-dekasteru tiegħu?

13/07/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1043.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – IMPJEGATI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1231. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni b'diżabilità impjegati fid-dekasteru tiegħu?

13/07/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1043

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – IMPJEGATI – PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1232. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni b'diżabilità impjegati fid-dekasteru tagħha?

13/07/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1043.

Seduta Numru 24
19/10/2026

DGĦAJJES IRREĠISTRATI ĠODDA – SENA 2026

1233. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irreġistrati dgħajjes ġodda fl-2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

13/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nistieden lill-Onor. Interpellant sabiex jiċċara x'inhu mifhum bit-terminu "dgħajjes", u jispeċifika għal liema tip jew kategorija ta' bastimenti qiegħed jirreferi, sabiex tkun tista' tingħata informazzjoni korretta u preċiża.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL - IMPJEGATI LI MA JISTGĦUX JAĦDMU ĠIMGĦA TA' 40 SIEGĦA

1781. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistux policies, skemi jew arranġamenti fi ħdan il-Ministeru jew l-entitajiet li jaqgħu taħtu, għal impjegati li minħabba kundizzjoni medika ċċertifikata jew diżabilità, ma jkunux jistgħu jaħdmu ġimgħa ta' 40 siegħa? Jista' jgħid ukoll:
i. x'inhuma dawn l-arranġamenti u taħt liema kriterji jingħataw;
ii. kemm hemm persuni li bħalissa qed jibbenefikaw minn dawn l-arranġamenti, maqsuma skont l-entità u n-numru ta' sigħat li jaħdmu; u
iii. jekk hemmx pjanijiet biex dawn il-miżuri jissaħħu jew jiġu estiżi sabiex aktar persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa jkunu jistgħu jibqgħu fis-suq?

16/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 24
19/10/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – FAMILJI BI DĦUL BAXX

1830. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm familji bi dħul baxx, jew li d-dħul primarju tagħhom ġej minn servizzi soċjali, li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali?

17/07/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità ma żżommx informazzjoni dwar it-tip ta' dħul li jirċievu l-kerrejja, iżda biss dwar l-ammont ta' dħul iddikjarat għall-finijiet tal-proċess ta' reviżjoni tal-kera. Din hija informazzjoni ta' natura dinamika li tista' tinbidel maż-żmien skont il-bidliet fiċ-ċirkostanzi tal-individwi, inkluż id-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol jew il-waqfien mill-impjieg.

Seduta Numru 24
19/10/2026

EŻAMIJIET TAS-SEC – STATISTIKA

1843. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika li turi n-numru ta' kandidati li poġġew u n-numru u l-perċentwal ta' dawk li għaddew mill-eżamijiet tas-SEC fis-suġġetti tal-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u x-Xjenza fis-snin 2000, 2005, 2010 u 2015, kif ukoll mill-2016 sas-sena kurrenti, maqsuma sena b'sena?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għall-website tal-Università ta' Malta taħt is-sezzjoni research and report imbagħad tagħżel statistical reports https://www.um.edu.mt/matsec/reportscommunication/generalstatistics/. Qiegħed ninkludi wkoll stampa ta' referenza li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

STUDENTI TAL-EŻAMIJIET SEC

1844. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistiċi annwali tal-istudenti tal-eżamijiet SEC fis-suġġetti tal-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u x-Xjenza, mis-sena 2000 sas-sena kurrenti, maqsuma skont il-ġeneru u li juru:
i. in-numru ta' studenti eliġibbli;
ii. in-numru ta' studenti li rreġistraw;
iii. in-numru ta' studenti li attendew;
iv. in-numru u l-perċentwal ta' studenti li għaddew; u
v. in-numru ta' kandidati li poġġew u n-numru u l-perċentwal ta' dawk li għaddew?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba parlamentari 1843.

Seduta Numru 24
19/10/2026

STUDENTI LI TEMMEW IL-FORM 5

1845. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika annwali li turi n-numru ta' studenti li temmew il-Form 5, mis-sena 2000 sal-aħħar sena disponibbli, maqsuma skont il-ġeneru?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li l-informazzjoni disponibbli hi kif qed tidher hawn taħt.

Sena Skolastika	Studenti
2008/2009	5,168
2009/2010	5,243
2010/2011	5,058
2011/2012	4,826
2012/2013	4,880
2013/2014	4,800
2014/2015	4,481
2015/2016	4,441
2016/2017	4,084
2017/2018	4,116
2018/2019	4,185

2019/2020	4,128
2020/2021	4,058
2021/2022	4,163
2022/2023	4,232
2023/2024	4,510
2024/2025	4,636

Seduta Numru 24
19/10/2026

STUDENTI LI TEMMEW IL-FORM 5

1846. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika annwali li turi n-numru ta' studenti, maqsuma skont il-ġeneru, li, wara li temmew il-Form 5, komplew l-istudji tagħhom f'istituzzjonijiet post-sekondarji, mis-sena 2000 sal-aħħar sena disponibbli?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li fl-iskejjel tal-istat, independenti u knisja bejn is-sena 2000 u 2017 kien hemm total ta' 67,160 student u fl-MCAST mil-2002 s'issa kien hemm total ta' 132,020 reġistrati, fil-Junior College mis-sena 2000 sa din is-sena akkademika kien hemm total ta' 35,640 reġistrati,

Seduta Numru 24
19/10/2026

SKEJJEL - KAŻIJIET TA' BULLYING

1847. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika annwali li turi n-numru ta' każijiet ta' bullying irrappurtati fl-iskejjel mill-2010, jew mill-ewwel sena li għaliha hija disponibbli d-data, sal-aktar data reċenti disponibbli? Jista' jgħid ukoll jekk din l-istatistika tinkludix biss skejjel tal-Istat jew ukoll skejjel tal-Knisja u skejjel Indipendenti?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Hawn taħt hija t-tabella bin-numru ta' każijiet li daħlu għand is-servizz ta' kontra l-Ibbuljar bejn is-sena 2012 u s-sena 2025. Dan in-numru jirrifletti r-rapporti li daħlu għand is-servizz. Każijiet oħrajn jista' jkun li ġew irrappurtati dirett lill-pulizija jew ġew indirizzati mill-iskola partikolari. Mis-sena 2022 'l hawn rapporti mill-iskejjel tal-knisja ma baqgħux jidħlu għand is-servizz tal-istat imma għand servizzi mwaqqfa mis-Segretarjat tal-iskejjel tal-knisja stess.

Sena	Każijiet irrappurtati	Stat / Knisja / Indipendenti
2012	223	Stat / Knisja / Indipendenti
2013	254	Stat / Knisja / Indipendenti
2014	280	Stat / Knisja / Indipendenti
2015	290	Stat / Knisja / Indipendenti
2016	390	Stat / Knisja / Indipendenti
2017	468	Stat / Knisja / Indipendenti
2018	566	Stat / Knisja / Indipendenti
2019	527	Stat / Knisja / Indipendenti
2020	247	Stat / Knisja / Indipendenti

2021	366	Stat / Knisja / Indipendenti
2022	501	Stat / Indipendenti
2023	499	Stat / Indipendenti
2024	531	Stat / Indipendenti
2025	627	Stat / Indipendenti

Seduta Numru 24
19/10/2026

SKEJJEL - KAŻIJIET TA' CYBERBULLYING

1848. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika annwali li turi n-numru ta' każijiet ta' cyberbullying irrappurtati fl-iskejjel mill-ewwel sena li għaliha hija disponibbli d-data, sal-aktar data reċenti disponibbli? Jista' jgħid ukoll jekk din l-istatistika tinkludix biss skejjel tal-Istat jew ukoll skejjel tal-Knisja u skejjel Indipendenti?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Hawn taħt hija t-tabella bin-numru ta' każijiet ta' Cyberbullying li daħlu għand is-servizz ta' kontra l-Ibbuljar bejn is-sena 2020 u s-sena 2025. Dan in-numru jirrifletti r-rapporti li daħlu għand is-servizz. Każijiet oħrajn jista' jkun li ġew irrappurtati direttt lill-pulizija jew ġew indirizzati mill-iskola partikolari. Mis-sena 2022 'l hawn rapporti mill-iskejjel tal-knisja ma baqgħux jidħlu għand is-servizz tal-istat imma għand servizzi mwaqqfa mis-Segretarjat tal-iskejjel tal-knisja stess. Fir-rigward tal-iskejjel indipendenti l-każijiet kienu ta' natura differenti u mhux ta' cyberbullying.

Cyberbullying		
Sena	**Każijiet irrappurtati**	**Stat / Knisja / Indipendenti**
2020	37	Stat / Knisja / Indipendenti
2021	30	Stat / Indipendenti
2022	16	Stat
2023	25	Stat
2024	23	Stat
2025	37	Stat

Seduta Numru 24
19/10/2026

L-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – BILLBOARDS – AZZJONI TA' INFURZAR

2105. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta u liema passi ser jittieħdu mill-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tad-diversi billboards li kienu ttellgħu f'diversi toroq arterjali u distributorji fil-ġimgħat ta' qabel l-elezzjoni ġenerali u li kienu ntużaw bħala billboards politiċi skont Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.28 (Regolamenti dwar billbords u reklami), li numru kbir minnhom għadhom f'posthom u qed jibqgħu jintużaw minn entitajiet pubbliċi u privati, bi ksur tal-imsemmija regolamenti? Jista' jgħid ukoll jekk l-Awtorità hix qed tinforza dawn ir-regolamenti b'mod ġenerali, inkluż fir-rigward tal-billboards użati għal reklamar kummerċjali, kemm dawk elettroniċi kif ukoll dawk li mhumiex, f'dak li jirrigwarda l-illuminazzjoni, il-pożizzjonament tagħhom, u l-effett jew l-impatt li jista' jkollhom fuq is-sigurtà fit-toroq?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar, permezz tad-Direttorat tal-Konformità u l-Infurzar, qiegħda f'kuntatt mal-partiti politiċi sabiex il-billboards jitneħħew. L-Awtorità sabet kooperazzjoni min-naħa tal-partiti, u fil-fatt ħafna minn dawn il-billboards diġà tneħħew u ħa jkomplu jiġu mneħħija fil-jiem li ġejjin.

Inkwantu għas-sigurtà fit-toroq nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

TRANSPORT MALTA – BILLBOARDS – AZZJONI TA' INFURZAR

2106. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta u liema passi ser jittieħdu minn Transport Malta fir-rigward tad-diversi billboards li kienu ttellgħu f'diversi toroq arterjali u distributorji fil-ġimgħat ta' qabel l-elezzjoni ġenerali u li kienu ntużaw bħala billboards politiċi skont Leġislazzjoni Sussidjarja 552.28 (Regolamenti dwar billbords u reklami), li numru kbir minnhom għadhom f'posthom u qed jibqgħu jintużaw minn entitajiet pubbliċi u privati, bi ksur tal-imsemmija regolamenti? Jista' jgħid ukoll jekk l-Awtorità hix qed tinforza l-imsemmija regolamenti b'mod ġenerali, inkluż fir-rigward tal-billboards użati għal reklamar kummerċjali , kemm jekk elettroniċi kif ukoll dawk li mhumiex, f'dak li jirrigwarda l-illuminazzjoni, il-pożizzjonament tagħhom, u l-effett jew l-impatt li jista' jkollhom fuq is-sigurtà fit-toroq?

22/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA LI JAĦDMU B'MOD REMOT – KUNDIZZJONIJIET/KRITERJI

2112. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 490, 996 u 1478 u jgħid liema sezzjonijiet, dipartimenti, direttorati, aġenziji jew entitajiet fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku għandhom ħaddiema li jaħdmu b'mod remot, kemm hemm ħaddiema f'kull waħda minnhom, u x'inhuma l-kundizzjonijiet jew kriterji applikabbli biex ħaddiem ikun jista' jaħdem b'mod remot?

22/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 604 u 2022.

Seduta Numru 24
19/10/2026

HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA

2113. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1522 u jgħid jekk l-awtoritajiet Maltin għandhomx rekord li l-humanoid robot magħruf bħala "Sophia" daħal f'Malta jew ġie ppreżentat għal kontroll ta' fruntiera f'Malta? Jekk iva, jista' jgħid f'liema data daħal, taħt liema kategorija ġie rreġistrat, u jekk ġiex ippreżentat xi dokument ta' identifikazzjoni jew vjaġġar?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA - PASSAPORT/DOKUMENTI

2114. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1523 u jgħid jekk mad-dħul f'Malta tal-humanoid robot magħruf bħala "Sophia" ġiex ippreżentat lill-awtoritajiet Maltin xi passaport, visa, permess jew dokument ieħor ta' vjaġġar jew identifikazzjoni? Jekk iva, jista' jgħid x'tip ta' dokument kien, minn liema Stat jew awtorità kien maħruġ, u jekk dan ġiex aċċettat jew irreġistrat mill-awtoritajiet Maltin?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA - PROĊEDURA AMMINISTRATTIVA APPLIKATA

2115. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1524 u jgħid liema proċedura amministrattiva ġiet applikata mill-awtoritajiet Maltin fil-każ tad-dħul f'Malta tal-humanoid robot magħruf bħala "Sophia", inkluż jekk dan ġiex trattat bħala persuna, oġġett, tagħmir, jew taħt xi kategorija oħra għall-finijiet ta' kontrolli ta' fruntiera, sigurtà jew immigrazzjoni?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

GĦAWDEX – BINI TA' QORTI ĠDIDA

2135. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 952 u jgħid x'inhi t-target date tal-Gvern għat-tlestija u t-tħaddim tal-Qorti l-ġdid f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-istadju li jinsab fih il-proġett issa u x'passi għad iridu jitlestew qabel jibda jintuża l-bini l-ġdid?

23/07/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-target date għat-tlestija tal-Qorti ta' Għawdex hija Diċembru 2028.Bħalissa l-proġett jinsab fl-istadju tat-tħejjija tad-disinn u tal-pjanti, sabiex dawn ikunu lesti għas-sottomissjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-pass li jmiss, wara l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, huwa l-bidu tax-xogħlijiet ta' rinovar. Fl-istess ħin, se jibda t-tfassil tad-dokumenti tat-tenders għall-provvista tal-għamara u tal-apparat meħtieġ, sabiex il-Qorti tkun tista' tibda topera malli jitlestew ix-xogħlijiet ta' rinovar u jkunu ġew installati s-servizzi u t-tagħmir kollu neċessarju.

Seduta Numru 24
19/10/2026

GĦAWDEX – SKWADRA TAR-RIU

2238. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux il-ħsieb li jsaħħaħ ir-riżorsi u t-tagħmir tal-iskwadra tar-Rapid Intervention Unit (RIU) f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll għaliex l-uffiċjali tar-RIU f'Għawdex għadhom ma ngħatawx l-istess tagħmir u riżorsi bħall-kollegi tagħhom f'Malta, inkluż l-uniformi uffiċjali, l-armament operattiv, il-vetturi apposta għall-patrol u tagħmir ieħor meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijiethom, minkejja li qed jirċievu l-istess taħriġ? Jista' jgħid ukoll x'jiġri f'każ li jinqalgħu sitwazzjonijiet ta' riskju għoli f'Għawdex peress li l-uffiċjali hemmhekk ma jistgħux jiddependu fuq l-appoġġ immedjat ta' sezzjonijiet speċjalizzati oħra bħall-iSpecial Intervention Unit (SIU) kif iseħħ f'Malta? Jista' jgħid ukoll x'passi konkreti se jittieħdu sabiex ir-RIU f'Għawdex tkun mgħammra bl-istess livell ta' tagħmir, protezzjoni u riżorsi bħar-RIU f'Malta?

27/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li, it-taqsima tal-RIU f'Għawdex se tibqa' tingħata riżorsi meħtieġa biex ittejjeb l-operat. Illum l-uffiċjali tal-RIU ġewwa Għawdex għandhom uniformijiet ġodda tal-RIU, drop leg holders għal armi tagħhom, bullet proof vests personali, kif ukoll high dexterity tactical gloves. Dalwaqt ser jaslu u jingħatalhom ukoll, leg restrainers and tourniquet u tourniquet pouches. Fl-istess ħin għaddej il-proċess ta' akkwist ta' Glock flashlight bil-laser u optics għall-istess uffiċjali. Filwaqt li r-RIU f'Għawdex ingħataw vetturi addattati għat-twettiq tax-xogħol assenjat lilhom, dwar l-għoti ta' vetturi alternattivi għall-qadi ta' rondi minnhom għadu qed jiġi evalwat u mistħarreġ. F'sitwazzjonijiet ta' riskju għoli, kif imsemmi mill-Onor. Interpellant, bħalma dejjem sar, il-Pulizija f'Għawdex tieħu azzjoni immedjata biex tikkontrolla kull sitwazzjoni u tagħmel l-ewwel intervent tagħha waqt li tintalab l-assistenza skont il-livell tar-riskju u tinżamm komunikazzjoni kontinwa biex tiġi assigurata koordinazzjoni mat-taqsimiet involuti. Dan sakemm tasal l-assistenza tat-taqsimiet speċjalizzati permezz tal-mezzi tat-trasport kontinwu li llum jeżisti bejn iż-żewġ gżejjer, jew b'mezzi disponibbli minn aġenziji oħra tal-istat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU – ROTTA 300

2239. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se tiġi riveduta l-frekwenza tas-servizz tal-karozzi tal-linja fuq ir-rotta 300 bejn Lascaris u l-Isptar Mater Dei matul il-weekends, sabiex ikun ikkoordinat aħjar mal-ħinijiet tal-wasla u t-tluq tal-fast ferry minn u lejn Għawdex? Jista' jikkonferma li, filwaqt li matul il-ġimgħa dan is-servizz jipprovdi konnessjoni effiċjenti mal-fast ferry, is-Sibt u l-Ħadd in-numru ta' vjaġġi jitnaqqas b'mod sostanzjali, bil-konsegwenza li jonqsu l-konnettività u l-aċċessibbiltà għall-passiġġieri Għawdxin u b'inkonvenjent kbir għall-ħaddiema fl-Isptar Mater Dei, pazjenti, kif ukoll qraba ta' pazjenti?

27/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, mill-31 ta' Mejju ta' din is-sena, is-servizz fuq ir-rotta 300 matul tmiem il-ġimgħa u l-festi pubbliċi żdied minn erba' għal tmien vjaġġi kuljum. Għaldaqstant, in-numru ta' vjaġġi f'dawn il-ġranet irdoppja sabiex titjieb il-konnettività bejn Lascaris u l-Isptar Mater Dei.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IR-RABAT, GĦAWDEX – ĊENTRU TAS-SAĦĦA

2240. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta l-Gvern għandu l-ħsieb li jiftaħ iċ-Ċentru tas-Saħħa fir-Rabat, Għawdex fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum, sabiex il-poplu Għawdxi jibbenefika minn servizz tas-saħħa aktar aċċessibbli, effiċjenti u kontinwu? Jista' jgħid ukoll jekk saritx valutazzjoni tal-benefiċċji li tali servizz iġib, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tal-ħinijiet ta' stennija, it-titjib fil-kura mogħtija lill-pazjenti u aċċess aħjar għas-servizzi tas-saħħa, speċjalment għall-anzjani u persuni vulnerabbli?

27/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-introduzzjoni ta' servizz ta' 24 siegħa kuljum fiċ-Ċentru tas-Saħħa fir-Rabat, Għawdex, hija impenn ċar tal-Gvern kif imniżżel fil-Programm Elettorali, u l-Gvern jibqa' impenjat li jwettaq dan l-impenn matul din il-leġiżlatura.
Bħalissa għaddejja l-ħidma meħtieġa, inkluż fir-rigward tar-riżorsi kliniċi u operattivi, sabiex dan is-servizz ikun jista' jiġi introdott u jitħaddem b'mod effiċjenti, sigur u sostenibbli.

Seduta Numru 24
19/10/2026

GĦAWDEX – SPTAR TAL-ANNIMALI

2241. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa mistenni li jiftaħ l-Isptar tal-Annimali f'Għawdex? Jista' jgħid jekk ġiex identifikat u allokat is-sit fejn se jkun dan l-isptar, u jekk iva, fejn hu dan is-sit? Jista' jgħid ukoll kif huwa ppjanat li jopera dan l-isptar, jekk hux se jipprovdi servizz ta' 24 siegħa kuljum, liema servizzi veterinarji se jkunu disponibbli, u jekk hux se jkun mgħammar sabiex joffri kura ta' emerġenza u interventi kirurġiċi għall-annimali f'Għawdex?

27/07/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa is-sezzjoni tal-Animal Welfare f'Għawdex diġà toffri kura ta' emerġenza b'servizz ta' 24 siegħa, sebat ijiem fil-ġimgħa

Seduta Numru 24
19/10/2026

GĦAWDEX – SPTAR TAL-ANNIMALI

2242. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Ħarsien tal-Annimali tgħid meta huwa mistenni li jiftaħ l-Isptar tal-Annimali f'Għawdex? Tista' tgħid jekk ġiex identifikat u allokat is-sit fejn se jkun dan l-isptar, u jekk iva, fejn hu dan is-sit? Tista' tgħid ukoll kif huwa ppjanat li jopera dan l-isptar, jekk hux se jipprovdi servizz ta' 24 siegħa kuljum, liema servizzi veterinarji se jkunu disponibbli, u jekk hux se jkun mgħammar sabiex joffri kura ta' emerġenza u interventi kirurġiċi għall-annimali f'Għawdex?

27/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat,

Seduta Numru 24
19/10/2026

MARSA JUNCTION – LIFTS GĦALL-BRIDGE PEDONALI

2334. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jerġgħu jibdew jaħdmu l-lifts għall-bridge pedonali li jintuża biex jaqsam il-Marsa Junction minn Raħal Ġdid?

30/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-infrastruttura tal-liftijiet il-ġodda tal-Marsa/Raħal Ġdid, li jinsabu fuq Vjal Sir Paul Boffa, hija lesta u li ż-żewġ liftijiet issa jinstabu miftuħin għall-użu tal-pubbliku.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PANNELLI SOLARI

2335. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1613 dwar pannelli solari installati fuq skejjel u binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, jista' l-Ministru jagħti l-informazzjoni b'mod separat għal kull binja u jgħid ukoll meta saret l-installazzjoni għal kull waħda?

30/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba parlamentari 1613.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PANNELLI SOLARI

2336. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1614 dwar pannelli solari installati fuq entitajiet kulturali, mużewijiet u binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, jista' l-Ministru jagħti l-informazzjoni b'mod separat għal kull binja u jgħid ukoll meta saret l-installazzjoni għal kull waħda?

30/07/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pannelli solari huma installati hekk kif ġej:

Entità/mużew/binja	Daqs tal-installazzjoni	Data tal-installazzjoni	kWhr (sa Ġunju 2026)
Fortress Builders	118 pannella	2012	291,829 kWh
Ġgantija	20 pannella	2015	79,831 kWh
MUŻA	682 pannella	2018	117,108 kWh
Il-Katakombi ta' San Pawl	30 pannella	2018	69,516 kWh
Valletta Design Cluster	36 pannella	2022	1911.47 KWh

Seduta Numru 24
19/10/2026

IL-BELT VALLETTA – STABBILIMENTI TAL-IKEL – KONĊESSJONIJIET

2369. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw konċessjonijiet da parti tal-Awtorità tal-Artijiet fil-Belt Valletta, biex stabbilimenti tal-ikel - irrispettivament tal-mod kif deskritti – ikunu jistgħu jagħmlu l-imwejjed tagħhom fit-toroq pubbliċi, mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

31/07/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IL-BELT VALLETTA – STORBJU EĊĊESSIV – PASSI MEĦUDA

2370. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jittieħdu da parti tal-Pulizija biex titrażżan l-inkonvenjenza li qed isofru diversi residenti fil-Belt Valletta minħabba storbju eċċessiv billejl?

31/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li, fi tmiem il-ġimgħa u fil-ġranet tal-festi, il-Pulizija tiżgura li l-istabbilimenti jagħlqu fil-ħinijiet preskritti mil-liġi u jirrispettaw lill-Komunità.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IL-BELT VALLETTA – RESIDENTI

2371. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' residenti fil-Belt Valletta mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm mir-residenti attwali għandhom 'il fuq minn sittin sena?

31/07/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

Sena	Popolazzjoni
2013	5,516
2014	5,466
2015	5,421
2016	5,332
2017	5,288
2018	5,296
2019	5,303
2020	5,195
2021	5,163
2022	5,182
2023	5,201
2024	5,197
2025	5,189

Sa' l-aħħar tas-sena 2025, ir-residenti tal-Belt Valletta li għandhom 'il fuq minn sittin sena kien ta' 1,849.

Seduta Numru 24
19/10/2026

TRATTAMENT TAL-ILMA MORMI

2482. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm mill-ilma mormi illi jinġabar f'Malta qed jiġi trattat, f'liema impjanti, u kemm minnu wara t-trattament qed jerġa' jintuża, inkluż għall-agrikoltura u għall-użu mill-bdiewa?

17/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 2464.

Seduta Numru 24
19/10/2026

TRANSPORT MALTA U L-MALTA PUBLIC TRANSPORT – ILMENTI

2746. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm irċevew ilmenti Transport Malta u l-Malta Public Transport dwar:
i. iffullar żejjed;
ii. karozzi tal-linja li ma waslux;
iii. karozzi tal-linja li ma waqfux;
iv. ħinijiet twal ta' stennija;
v. informazzjoni mhux korretta f'ħin reali;
vi. aċċessibbiltà;
vii. l-imġiba tas-sewwieqa; u
viii. l-arja kkundizzjonata,
matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jipprovdi ċ-ċifri skont ir-rotta u x-xahar, flimkien mal-ħin medju li ttieħed biex ġie indirizzat kull ilment?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MALTA U GĦAWDEX – KARREĠĠJATI RIŻERVATI GĦALL-KAROZZI TAL-LINJA

2747. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm kilometri ta' karreġġjati riżervati għall-karozzi tal-linja li bħalissa huma operattivi f'Malta u Għawdex u jidentifika fejn jinsabu? Jista' jgħid ukoll liema karreġġjati ġodda għall-karozzi tal-linja, punti ta' aċċess ikkontrollat magħrufa bħala "bus gates", sistemi li jagħtu prijorità lill-karozzi tal-linja fid-dwal tat-traffiku u sistemi ta' infurzar permezz ta' cameras, huma ppjanati, flimkien mal-baġit u d-data mistennija għat-tlestija ta' kull miżura?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, fid-dawl tat-tħejjijiet għall-konċessjoni l-ġdida tat-trasport pubbliku li mistennija tidħol fis-seħħ fl-2030, bħalissa għaddejjin diversi studji bħala parti min Malta in Motion, b'mod partikolari dawk relatati mad-disinn mill-ġdid tan-network tat-trasport pubbliku u mal-Intelligent Transport Systems.

Seduta Numru 24
19/10/2026

TALLINJA CARD

2748. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'jeħel min jinqabad juża tallinja card ta' ħaddieħor u kemm irid iħallas min jitlef il-card u japplika għal waħda ġdida?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

NUMRU TA' VETTURI LIĊENZJATI

2749. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-total ta' vetturi liċenzjati fil-pajjiż sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ikklassifikati bħala: karozzi privati, muturi, vetturi tal-merkanzija, vetturi tal-kiri, vetturi bil-Y-plate, taxis, karozzi tal-linja, trakkijiet u vetturi oħra? Jista' jgħid ukoll kemm kien in-numru ta' reġistrazzjonijiet ġodda, dereġistrazzjonijiet, vetturi skrappjati u vetturi esportati matul l-aħħar għaxar snin?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

NUMRU TA' VETTURI LIĊENZJATI

2750. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra n-numru ta' vetturi liċenzjati klassifikati bħala: karozzi privati, muturi, vetturi tal-merkanzija, vetturi tal-kiri, vetturi bil-Y-plate, taxis, karozzi tal-linja u vetturi oħra, fl-aħħar ta' kull xahar minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jipprovdi wkoll in-numru ta' reġistrazzjonijiet ġodda, dereġistrazzjonijiet, vetturi skrappjati u vetturi esportati matul l-istess perjodu, u jgħid liema mira li tista' titkejjel ġiet stabbilita biex tonqos id-dipendenza fuq il-karozzi privati?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

L-ISTRATEĠIJA NAZZJONALI DWAR IL-PARKEĠĠ

2751. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk tlestietx l-istrateġija nazzjonali dwar il-parkeġġ u l-ġestjoni tad-domanda għall-ivvjaġġar? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istrateġija, l-istudji li fuqhom hija bbażata u l-pjan ta' implimentazzjoni? Jekk le, jista' jgħid f'liema stadju tinsab, kemm kienet in-nefqa fuqha sal-lum u meta se tiġi ppubblikata? Jista' wkoll jipprovdi stima tan-numru ta' spazji legali ta' parkeġġ fit-toroq u barra mit-toroq f'kull lokalità?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant, Meta tħabbar il-pjan ta' Malta in motion ingħataw d-dettalji ta' meta ser tkun lesta din il-policy. Dan l-istudju jinkludi l-ġbir ta data dwar l-ispazji ta' parkeġġ fit-toroq u barra minnhom, l-użu u l-okkupazzjoni tagħhom, il-ħtiġijiet ta' lokalitajiet bi pressjoni qawwija fuq il-parkeġġ residenzjali, kif ukoll reviżjoni tal-qafas legali, is-sinjali u l-infurzar.

Dan ix-xogħol qed jitwettaq b'mod koordinat mal-workstreams ta' Malta in Motion, inklużi t-trasport pubbliku, it-trasport tal-massa u l-ġbir ta' data tat-traffiku f'ħin reali.

Id-dettalji jinsabu fuq is-sit: https://www.transport.gov.mt/sustainable-mobility/malta-in-motion-overview-7816

Seduta Numru 24
19/10/2026

LIMITI TAL-MELLIEĦA – IMPJANT TAĊ-ĊUMNIJA – NEW WATER

2955. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm bdiewa li qed jingħataw new water mill-impjant Taċ-Ċumnija, fil-limiti tal-Mellieħa? Tista' tgħid ukoll f'liema lokalitajiet jinsabu l-bdiewa li qed jirċievu dan l-ilma, u kemm f'kull lokalità? Tista' tgħid ukoll x'inhi r-raġuni li għaliha l-bdiewa li qed jirċievu dan l-ilma qed jingħataw ilma għal ħinijiet qosra ħafna? Tista' tgħid ukoll jekk l-impjant hux qed jitħaddem il-ħin kollu, inkella għal ħinijiet iqsar? Jekk għal ħinijiet iqsar, tista' tgħid x'inhi r-raġuni għal dan?

28/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sistema tan-New Water fit-Tramuntana tal-pajjiż qed tforni madwar 700 bidwi u tinkorpora fiha 200 dispenser. In-network jestendi f'diversi żoni fosthom iċ-Ċumnija, l-Aħrax, il-Miżieb, il-Manikata, Binġemma, l-Imġarr, tas-Santi, Għajn Tuffieħa u ż-żona ta' Popeye Village.
L-ammont li jiġi prodott kuljum mill-polishing plant, li jopera b'mod kontinwu ħlief għal waqfien f'istanti fejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma jkollhiex kontroll fuqhom, jiġi mqassam skont il-volumi li ġew kalkolati mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel (MAFF) ibbażati fuq il-crop plan. Ta' min jenfasizza hawnhekk li l-allokazzjoni tal-ilma mill-MAFF issir bil-metru kubu u mhux bil-ħin.
Matul is-sena li għaddiet, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma produċiet ammont rekord ta' 1.6 miljun metru kubu ta' New Water.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PROJECT GREEN – SKEMA TA' TĦAWWIL TA' SIĠAR

2956. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex tikkonsisti l-iskema ta' tħawwil ta' siġar li għandha Project Green? Tista' tgħid ukoll kemm persuni bbenefikaw minn din l-iskema, kemm siġar fil-fatt tqassmu permezz ta' din l-iskema u x'tip ta' siġar tqassmu?

28/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li permezz tal-Iskema ta' Tħawwil ta' Siġar applikanti eliġibbli jistgħu jingħataw siġar mingħajr ħlas biex jitħawwlu fl-artijiet tagħhom, bil-għan li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali fit-tul, ir-reżiljenza għall-klima u t-tħaddir tal-gżejjer Maltin.
Permezz ta' din l-iskema, applikanti li jgħaddu mill-proċess ta' verifika jingħataw vouchers diġitali biex jiġbru s-siġar mingħand fornituri approvati.
Infurmata li s'issa nħarġu 8,390 voucher, ekwivalenti għal 47,303 siġra, lil 688 benefiċjarju. Il-proċess tal-ġbir tas-siġar mill-benefiċjarji għadu għaddej skont il-validità tal-vouchers u d-disponibbiltà mingħand il-fornituri approvati.
Is-siġar jitqassmu minn lista ta' speċi produttivi u mhux produttivi li tinkludi fost oħrajn il-Balluta x-Xewwikija, l-Għargħar, is-Siġra ta' Ġuda, iċ-Ċipress, iż-Żebbuġ Selvaġġ, it-Tin, il-Ħarrub, iż-Żebbuġ, ir-Rummien u t-Tut.

Seduta Numru 24
19/10/2026

SPEED CAMERAS

2957. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' speed cameras li għandna madwar Malta u Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-ispeed limit li japplika għaż-żona partikolari, f'kull każ, separatament? Jista' jgħid ukoll meta l-aħħar li ġew kalibrati l-istess cameras u x'kien l-ogħla speed li ntlaħaq matul din is-sena għal kull speed camera?

28/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Malta u Għawdex hemm total ta' 24 speed camera. Il-limiti tal-veloċità applikabbli fil-postijiet rispettivi huma kif ġej:

Lokalità	Triq / Post	Numru ta' cameras	Limitu tal-veloċità
Ħ'Attard	Triq Antonio Manoel De Vilhena	1	60 km/h
Ħ'Attard	Triq in-Nutar Zarb	1	50 km/h
Birkirkara	Triq Dun Karm	2	60 km/h
Il-Gudja	Triq Ħal Far	1	60 km/h
In-Naxxar	Triq il-Kosta, ħdejn Triq Porzjunkola, fid-direzzjoni lejn it-Tramuntana	1	70 km/h
In-Naxxar	Triq il-Kosta, ħdejn l-Għallis, fiż-żewġ direzzjonijiet	2	70 km/h
In-Naxxar	Triq il-Kosta, ħdejn Triq Ramla, fid-direzzjoni lejn in-Nofsinhar	1	60 km/h
In-Naxxar	Triq il-Kosta, ħdejn Triq Ridott, fid-direzzjoni lejn it-Tramuntana	1	60 km/h
Ħal Qormi	Triq l-Imdina	2	60 km/h
Ħal Qormi	Vjal ir-Royal Malta Artillery (Mrieħel Bypass)	2	80 km/h
San Ġiljan	Triq Mikiel Anton Vassalli	2	60 km/h
San Pawl il-Baħar	Dawret San Pawl	2	80 km/h
San Pawl il-Baħar	Triq Burmarrad	1	60 km/h
Is-Siġġiewi	Triq Mons. Mikiel Azzopardi	1	60 km/h
Ħaż-Żebbuġ	Triq l-Imdina	2	70 km/h
Iż-Żejtun	Triq tal-Barrani	2	60 km/h
Total		**24**	

Seduta Numru 24
19/10/2026

PALAZZ TA' SELMUN – PJANIJIET TA' RESTAWR

2958. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu l-pjanijiet tal-Gvern biex isir ir-restawr tal-Palazz ta' Selmun? Jista' jgħid ukoll x'sar s'issa biex jiġi assigurat li t-tenders neċessarji jiġu ppubblikati/aġġudikati?

28/09/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

SELMUN PALACE HOTEL

2959. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex is-Selmun Palace Hotel ma tibqax abbandunata? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' security hemm ipprovduta, preżentement, f'din l-istess lukanda?

28/09/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PREŻENZA TAL-BAGĦAL TAŻ-ŻUNŻAN – DANNI LIN-NAĦĦALA

3025. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru rċeviex rapporti dwar ħsarat li sofrew in-naħħala minħabba l-preżenza tal-bagħal taż-żunżan (hornets)? Jekk iva, kemm irċieva rapporti ta' danni l-Ministeru minħabba l-preżenza tal-hornets? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu jew hemm il-ħsieb li jittieħdu, biex jiġi evitat li dan is-settur isofri konsegwenzi aktar gravi?

30/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru huwa konxju bis-sħiħ tal-isfidi li qed joħloq il-bagħal taż-żunżan fuq is-settur tan-naħal u ilu jsegwi s-sitwazzjoni mill-qrib permezz ta' kuntatt regolari mar-rappreżentanti tal-apikultura kif ukoll mal-Kunsill Konsultattiv għall-Agrikoltura (ACC). F' dan il-kuntest nagħmel referenza għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari 2618, li tirreferi għall-miżuri li ttieħdu sal-lum il-ġurnata.

Fil-preżent il-Ministeru mhux biss qed jimmonitorja l-iżviluppi, iżda qed jaħdem b'mod attiv u koordinat mal-partijiet kollha involuti sabiex jiġu implimentati miżuri konkreti li jtaffu l-impatti ta' dan il-pesti fuq il-kolonji tan-naħal u jsaħħu r-reżiljenza tas-settur fit-tul.

Il-Ministeru se jimplimenta pjan komprensiv ta' azzjoni li jinkludi miżuri konkreti, prattiċi u mmirati, fosthom interventi għall-kontroll u l-immaniġġjar tal-problema, appoġġ lin-naħħala affettwati sabiex titjieb il-kapaċità tas-settur li jirreaġixxi għal din l-isfida b'mod sostenibbli, kif ukoll programm ta' tnissil tan-naħla Maltija. Fil-futur qarib, il-Gvern ser ikun qed iħabbar dawn il-miżuri, li ġew żviluppati f'konsultazzjoni mas-settur u li ġew imfassla biex jindirizzaw il-problema b'azzjoni konkreta u effettiva, filwaqt li jipproteġu l-għajxien tal-apikulturi u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-għasel f'Malta u Għawdex.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3070. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kemm Transport Malta, kif ukoll il-Malta Air Traffic Services Ltd. għandhom reġistru tar-riskji attiv, li jiġi segwit u aġġornat regolarment skont il-prassi professjonali fil-qasam tagħhom.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3071. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Malta għandha *Earthquake Emergency Response Plan* li kien aġġornat fl-2025 u hu presedut mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3072. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtha għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 3037.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3073. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 3037

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3074. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 3037.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – DISASTER RECOVERY PLAN/BUSINESS CONTINUITY PLAN

3075. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm dipartimenti u entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħtu għandhom Disaster Recovery Plan jew Business Continuity Plan formali li jkopru terremoti jew diżastri naturali kbar, u għal kull wieħed jgħid meta ġie aġġornat u meta ġie ttestjat l-aħħar?

01/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3037.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3264. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3265. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3266. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: L-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3267. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hi responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, tipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

WIED IL-QLEJGĦA – TISWIJA TA' ĦAJT

3280. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għal mistoqsijiet parlamentari preċedenti, fejn ġie mwiegħed li se ssir it-tiswija fuq ħajt li hemm f'Wied il-Qlejgħa fis-sajf meta l-wied ikun mingħajr ilma, tista' l-Ministru tgħid għaliex ma saritx it-tiswija biex jitranġa u jinbena l-ħajt kif kien?

07/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 2432. F'każ li qed jirreferi għal xi ħajt ieħor, nitolbu jindika b'mod aktar speċifiku s-sit fejn jinsab.

Seduta Numru 24
19/10/2026

WIED IL-QLEJGĦA – CCTV

3281. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx CCTV cameras madwar Wied il-Qlejgħa?

07/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li hemm CCTV cameras f'partijiet madwar Wied il-Qlejgħa.

Seduta Numru 24
19/10/2026

WIED IL-QLEJGĦA – CRAYFISH

3282. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm inqabdu crayfish minn Wied il-Qlejgħa fis-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

07/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Wied il-Qlejgħa tneħħew madwar 5,000 ċkala (crayfish) tal-ilma ħelu fl-aħħar snin, fosthom 500 fl-2024 u 460 fl-2025. L-informazzjoni għall-2026 għadha mhix disponibbli. L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), daħlet ukoll fi proġett Interreg mal-Università ta' Malta u msieħba minn Sqallija biex jissaħħu l-isforzi għall-kontroll tal-iċkala f'Wied il-Qlejgħa.

Seduta Numru 24
19/10/2026

AMBJENT MALTA – PROĠETT FIL-BUSKETT

3283. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid għaliex il-proġett ta' ċentru edukattiv fil-Buskett minn Ambjent Malta ma tkompliex? Tista' tgħid ukoll għaliex ma sarux il-faċilitajiet sanitarji mwiegħda għaliex il-bini jidher mitluq u fih konsenturi kbar? Tista' tgħid ukoll x'se jsir minn dan il-proġett f'post daqstant frekwentat minn turisti u Maltin, speċjalment fi żmien ix-Xitwa?

07/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fuq iċ-Ċentru Edukattiv fil-Buskett kienu tlestew fl-2023. Peress li sussegwentement kienu ġew osservati xi konsenturi fini fil-binja, Ambjent Malta, bħala miżura ta' prekawzjoni u fuq parir tekniku, kienet ikkummissjonat monitoraġġ u testijiet speċjalizzati sabiex tiġi evalwata l-kundizzjoni strutturali tal-binja. Sakemm jitlestew dawn l-evalwazzjonijiet u jkunu magħrufa r-rakkomandazzjonijiet finali tal-professjonisti, il-binja aktar kmieni din is-sena nżammet magħluqa sabiex tkun garantita s-sigurtà tal-pubbliku.
Infurmata li Ambjent Malta qed tistenna r-rapport finali, sabiex fuq il-bażi tiegħu jiġu deċiżi u implimentati l-passi meħtieġa biex il-faċilità tkun tista' tkompli tintuża skont il-funzjoni maħsuba tagħha.
Fir-rigward tal-faċilitajiet sanitarji pubbliċi fil-Buskett, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 3097.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ALLIED HEALTH PRACTITIONERS – SKALI

3284. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega kif inhuma mqassmin l-Allied Health Practitioners bl-iskali, maqsuma professjoni professjoni?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – UNPAID LEAVE

3285. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm Allied Health Professionals fuq unpaid leave, maqsuma professjoni professjoni?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

KUMITAT TAL-WIRT DINJI – DOSSIER TAN-NOMINA 'IL-FORTIFIKAZZJONIJIET MALTIN TAL-KAVALLIERI TA' SAN ĠWANN'

3337. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dossier ippreżentat għall-evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Wirt Dinji għan-nomina 'Il-Fortifikazzjonijiet Maltin tal-Kavallieri ta' San Ġwann' biex jiġu kkunsidrati għal-Lista tal-Wirt Dinji tal-UNESCO?

08/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-dokument mitlub diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 2 tat-22 ta' Ġunju 2026.

Seduta Numru 24
19/10/2026

QASAM TAL-ĠUSTIZZJA – RIFORMI

3368. L-ONOR. FRANCESCA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tar-riformi kollha illi saru fil-Qasam tal-Ġustizzja minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ON-FARM SLAUGHTERS

3369. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' on-farm slaughter (qatla fir-razzett) bejn l-2015 u l-2025, maqsuma sena b'sena u skont it-tip ta' annimal (majjal, baqra, eċċ.)?

12/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

BAGĦAL TAŻ-ŻUNŻAN – MIŻURI TA' KONTROLL

3370. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'miżuri hemm fis-seħħ biex tiġi kkontrollata ż-żieda fil-popolazzjoni tal-bagħal taż-żunżan (Vespa orientalis) f'pajjiżna? Tista' tgħid ukoll liema studji qed isiru biex tifhem aħjar is-sitwazzjoni attwali ta' din l-ispeċi u ta' speċi invażivi oħra, u x'għajnuna qed tingħata lil min jindokra n-naħal?

12/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

KUNSILL GĦALL-ANZJANI – MEMBRI

3400. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3086 u jgħid min huma l-membri tal-Kunsill għall-Anzjani stabbilit taħt l-Att dwar il-Kummissarju għall-Anzjani?

13/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

KUMMISSARJU GĦALL-ANZJANI – ILMENTI RELATATI MA' DJAR RESIDENZJALI

3401. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3087 u jgħid kemm mill-ilmenti li waslu għand il-Kummissarju għall-Anzjani matul l-aħħar ħames snin kienu relatati ma' djar residenzjali għall-anzjani? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti kienu jinvolvu allegazzjonijiet dwar trattament ħażin, nuqqas ta' kura jew kundizzjonijiet mhux xierqa?

13/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

Sena	Numru ta' Każijiet	Każijiet fid-djar residenzjali tal-anzjani li jinvolvu allegazzjonijiet dwar trattament ħażin, nuqqas ta' kura jew kundizzjonijiet mhux xierqa
2022	6	1
2023	4	1
2024	2	2
2025	5	1
2026 (sas-8 t'Ottubru 2026)	2	2

Seduta Numru 24
19/10/2026

DJAR TAL-ANZJANI - LISTA TA' STENNIJA - ANZJANI FIL-KOMUNITÀ

3402. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3079 u 3201 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1518, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega kif f'leġiżlaturi oħra dejjem kien jingħata n-numru ta' anzjani fil-komunità li jkunu qed jistennew biex jidħlu fi djar tal-anzjani u issa dan in-numru mhux qed jingħata?

13/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-raġuni mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 1518.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IL-MOSTA - DAR TAL-ANZJANI - XOGĦLIJIET

3403. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3078 u 3202 u jgħid meta ser tkun lesta d-Dar tal-Anzjani tal-Mosta? Jista' jgħid ukoll għaliex ix-xogħlijiet qed idumu daqshekk u meta ser jirritornaw lura l-anzjani li nħarġu mid-dar biex isiru dawn ix-xogħlijiet?

13/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ANZJANI BIL-KUNDIZZJONI TAD-DIMENZJA

3404. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1087, 2065 u 3203 u jgħid kemm hawn anzjani f'pajjiżna li ġew dijanjostikati bil-kundizzjoni tad-dimenzja? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-anzjani qed jirċievu servizzi speċjalizzati u x'tip ta' servizzi qed jingħataw?

13/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

KREDITI TAL-KONTRIBUZZJONIJIET

3405. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1503 u 3088 u jgħid kemm-il persuna għamlet użu mill-krediti tal-kontribuzzjonijiet minħabba trobbija tat-tfal jew caregiving matul l-aħħar ħames snin?

13/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-krediti tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' trobbija tat-tfal u tal-Carers jingħataw biss għal finijiet ta' pensjoni tal-irtirar u għalhekk l-ammont ta' persuni li bbenefikaw minn dawn il-krediti iridu bilfors ikunu persuni li jirċievu l-pensjoni msemmija.

Minn informazzjoni miksuba jirriżulta li mill-2021 'l hawn, l-ammont ta' pensjonanti tal-irtirar li ngħataw il-krediti tal-kontribuzzjonijiet minħabba trobbija tat-tfal jew caregiving huwa kif ġej:

1. Krediti minħabba t-Trobbija tat-Tfal (Child Credits): 4,345 persuna; u
2. Krediti tal-Carers Allowance (CRA u ICRA) : 32 persuna.

Naturalment in-numru jikber kull sena kull meta persuni bħal dawn jibdew jirċievu l-pensjoni tal-irtirar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

BAĠIT 2026 - MIŻURI LI GĦADHOM MA ĠEWX IMPLIMENTATI

3412. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2166 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u jgħid liema miżuri mħabbra fil-Baġit 2026 għadhom ma ġewx implimentati u jipprovdi l-istadju ta' implimentazzjoni ta' kull waħda minnhom?

13/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

INFRASTRUCTURE MALTA - KONSULENZI

3413. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1858, 2294 u 3268 u jagħti dettalji, f'tabella, ta' konsulenzi (inklużi periti, avukati u nutara) li tqabbdu jagħtu servizz lil Infrastructure Malta mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż dettalji tal-valur li tħallsu individwalment?

13/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 24
19/10/2026

TRANSPORT MALTA - KONSULENZI

3414. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1860, 2296 u 3269 u jagħti dettalji, f'tabella, ta' konsulenzi (inklużi periti, avukati u nutara) li tqabbdu jagħtu servizz lil Transport Malta mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż dettalji tal-valur li tħallsu individwalment?

13/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Qiegħda titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bid-dettalji mitluba.

Seduta Numru 24
19/10/2026

INFRASTRUCTURE MALTA – AMMONTI DOVUTI

3415. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3272 u jagħti figura finanzjarja dwar kemm għandha tiġbor fondi Infrastructure Malta mingħand entitajiet u azjendi tal-Gvern sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

13/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ĦAL TARXIEN – MISRAĦ IR-REPUBBLIKA – XOGĦLIJIET

3424. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta hu mistenni li jitlesta l-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika u t-toroq tal-madwar f'Ħal Tarxien?

13/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qiegħda tiġi miġbura.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' MISRAĦ IR-REPUBBLIKA – SPIŻA TOTALI

3425. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm sewa s'issa l-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika u t-toroq tal-madwar f'Ħal Tarxien, u kemm hu stmat li se tkun l-ispiża totali tal-proġett meta jitlesta?

13/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qiegħda tiġi miġbura.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' MISRAĦ IR-REPUBBLIKA – INAWGURAZZJONI – SPIŻA

3426. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm swiet l-inawgurazzjoni li saret f'Mejju 2026 ta' parti mill-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika f'Ħal Tarxien?

13/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qiegħda tiġi miġbura.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' MISRAĦ IR-REPUBBLIKA – KUMPENS LIR-RESIDENTI/SIDIEN TAN-NEGOZJI

3427. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jingħata xi forma ta' kumpens lir-residenti u lis-sidien tan-negozji li ġew affettwati mid-dewmien fil-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika u t-toroq tal-madwar f'Ħal Tarxien?

13/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull persuna jew negozju li jqis li ġarrab dannu jew impatt finanzjarju b'riżultat ta' xogħlijiet infrastrutturali jista' jressaq talba għal kumpens lill-Infrastructure Malta permezz tal-proċeduri stabbiliti mill-Aġenzija.

Seduta Numru 24
19/10/2026

QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU – IMPATT FINANZJARJU – VALUTAZZJONI

3428. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-valutazzjoni li saret (jekk saret) tal-impatt finanzjarju fuq l-ekonomija Maltija tal-qtugħ fil-provvista tal-elettriku li seħħ f'pajjiżna mill-1 ta' Lulju sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

13/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 3181.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PBS – BORD EDITORJALI – LAQGĦAT

3429. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba ltaqa' l-bord editorjali tal-PBS mill-1 ta' Ġunju 2026 sal-aħħar ta' Settembru 2026 u liema huma d-dati li fih iltaqa' dan il-bord?

13/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

INDIVIDWU – ALLEGAZZJONIJIET

3475. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid meta ġie infurmat, minn min u x'azzjoni ħa dwar l-allegazzjonijiet li għamel l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament dwar allegat indħil politiku fl-isport Malti?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: L-Onor. Interpellant għandu jagħmel l-almu tiegħu biex ma jdaħħalx il-politika partiġġjana fl-isport. Qed nirreferi kemm għall-mistoqsija parlamentari, kif ukoll għall-istqarrija li ħareġ l-Onor. Membru nhar it-18 ta' Ottubru 2026. F'din l-istqarrija, fost l-oħrajn, intqal: "Il-Partit Nazzjonalista għalhekk jistaqsi lill-Gvern: Min huma l-politiċi li għalihom irrefera Ćirović?" L-istess stqarrija kompliet tistaqsi: "Kien hemm xi ndħil politiku fil-każi li semma dan il-kowċ u fil-mod kif l-informazzjoni waslet għand il-media?"
Ironikament, l-għada stess, l-istess min għamel l-istorja fil-midja tal-Partit Nazzjonalista ddikjarat li ma kinitx qed tirreferi għal ministri jew għal politiċi eletti. Jekk l-Onor. Membru jixtieq kopja ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, inkun aktar minn dispost li ngħaddihomlu jew inqiegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra. Huwa ta' dispjaċir li l-Onor. Membru għaġġel jagħmel tiegħu dak li ntqal mill-midja tal-partit tiegħu stess, verżjoni li wara nbidlet u li minnha mbagħad tneħħiet ir-referenza għall-politiċi.
Rigward l-istejjer li jidhru fil-midja, għalkemm għandi l-ħsibijiet tiegħi dwarhom, nispera li l-Onor. Membru ma jistenniex li l-Ministru jew il-Gvern jinvestigaw lill-ġurnalisti u jobbligawhom jiżvelaw is-sorsi tagħhom.
L-isport akkwatiku, flimkien mal-isport kollu, se jibqa' jsib l-appoġġ sħiħ tiegħi, tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport u tal-Gvern Malti. Fl-istess waqt, jekk l-awtoritajiet investigattivi jħossu l-ħtieġa li jinvestigaw, ma għandhomx bżonn il-permess tal-Ministru biex jagħmlu dan. L-Onor. Membru jaf tajjeb li dawn l-awtoritajiet jaħdmu b'mod awtonomu mill-Ministru u l-Ministru mhux involut f'dawn l-investigazzjonijiet.
Finalment, tajjeb li l-Onor. Membru jagħraf l-awtonomija tal-Assoċjazzjonijiet sportivi inkluż tal-Aquatic Sports Association li fiha għandi kull rispett u fiduċja.

Seduta Numru 24
19/10/2026

INDIVIDWU – ALLEGAZZJONIJIET

3476. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Fid-dawl tal-allegazzjonijiet li saru pubbliċi dwar persuni b'influwenza politika li allegatament ippruvaw jagħmlu ħsara lit-tim nazzjonali tal-waterpolo, jista' l-Ministru jgħid jekk jafx min huma l-persuni li għalihom kien qed jirreferi l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u jekk xi wieħed minn dawn il-persuni jokkupax kariga pubblika?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba parlamentari 3475.

Seduta Numru 24
19/10/2026

INDIVIDWU – ALLEGAZZJONIJIET – INVESTIGAZZJONI INDIPENDENTI

3477. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Fid-dawl tas-serjetà tal-allegazzjonijiet li saru mill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, dwar allegat indħil politiku, pressjoni fuq uffiċjali sportivi u żvelar mhux awtorizzat ta' informazzjoni kunfidenzjali, jista' l-Ministru jgħid jekk ħax xi passi sabiex issir investigazzjoni indipendenti dwar dawn l-allegazzjonijiet u jekk le, huwa lest li jieħu l-passi meħtieġa sabiex tinbeda tali investigazzjoni? Jekk m'huwiex lest li jieħu dawn il-passi, jista' jgħid għaliex?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba parlamentari 3475.

Seduta Numru 24
19/10/2026

INDIVIDWU – ALLEGAZZJONIJIET – INVESTIGAZZJONI MILL-AIMS

3478. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità dwar l-Integrità fl-Isport Malti (AIMS) bdietx investigazzjoni dwar l-allegazzjonijiet tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament dwar allegat indħil politiku u pressjoni esterna fuq it-tim nazzjonali tal-waterpolo? Jekk iva, jista' jgħid f'liema data bdiet, min qed imexxiha, x'inhu t-terminu mistenni għall-konklużjoni tagħha u jekk hux se jiġi ppubblikat rapport finali?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba parlamentari 3475.

Seduta Numru 24
19/10/2026

INDIVIDWU – ALLEGAZZJONIJIET – RAPPORT LILL-PULIZIJA

3479. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux informazzjoni dwar rapport li allegatament tressaq lill-Pulizija b'rabta mal-allegazzjonijiet tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament? Jekk iva, jista' jindika meta tressaq ir-rapport, liema awtorità ġiet infurmata u jekk il-Ministeru tiegħu rċeviex xi komunikazzjoni uffiċjali dwar il-każ?

13/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba parlamentari 3475.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ANIMAL HONOURS AWARDS - NEFQA

3493. L-ONOR. ANDREW AGIUS staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3125 u tgħid kemm kienet in-nefqa totali biex tittella' s-sitt edizzjoni tal-Animal Honours Awards? Tista' tgħid ukoll kemm kienet in-nefqa totali tal-ħames edizzjonijiet preċedenti, maqsuma edizzjoni b'edizzjoni?

14/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għadu għaddej l-ipproċessar tal-ħlasijiet tas-sitt edizzjoni tal-Animal Honours Awards li saret fil-bidu ta' dan ix-xahar, biex jingħata rikonoxximent lil individwi u organizzazzjonijiet li jagħmlu differenza fil-ħajja tal-annimali. Infurmata li n-nefqa li saret mill-ministeru ta' dak iż-żmien relatata mal-edizzjonijiet tal-Animal Honours Awards bejn l-2021 u l-2025 kienet kif jidher fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

LIĊENZJA TA' BENNEJ – DEWMIEN

3506. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3273 u ċjoè: Fid-dawl li hemm numru ta' persuni li ilhom jistennew sabiex japplikaw u jagħmlu l-eżami għal-liċenzja ta' bennej, jista' l-Ministru jgħid meta ser jiftħu l-applikazzjonijiet? Jekk m'hemmx data speċifika, jista' jagħti raġuni għal dan id-dewmien?

14/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, in segwitu għar-riforma mwettqa fil-qasam tal-Liċenzjar tal-Bennejja, l-Awtorità qed tassigura li s-sillabu jiġi aġġornat minn żmien għal żmien sabiex jirrifletti l-iżviluppi li jkunu qed iseħħu fis-settur, kif ukoll il-kompetenzi u l-ħiliet li bennej liċenzjat huwa mistenni li jkollu. Malli dan il-proċess jiġi finalizzat, jinfetħu l-applikazzjonijiet relatati.

Seduta Numru 24
19/10/2026

INFRASTRUCTURE MALTA – AMMONT DOVUT LILL-KUNTRATTURI

3507. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3271 fl-intier tagħha u jgħid jekk hemmx kuntratturi li sal-lum għadhom ma tħallsux għal xogħlijiet li twettqu u ġew iċċertifikati, kemm permezz ta' ċertifikati finali kif ukoll ċertifikati interim? Jekk hemm, jista' jgħid x'inhu l-ammont totali dovut (f'Ewro) minn Infrastructure Malta lil dawn il-kuntratturi?

14/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari 3271.

Seduta Numru 24
19/10/2026

INFRASTRUCTURE MALTA – NEFQA

3508. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti f'tabella kemm kienet in-nefqa ta' Infrastructure Malta minn Jannar 2026 sa Settembru 2026, maqsuma xahar b'xahar?

14/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PROGRAMM YOUTH.INC – REĠISTRAZZJONI

3521. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' żgħażagħ li rreġistraw għall-programm Youth.Inc, kemm minnhom temmewh u kemm minnhom waqfu qabel temmewh, mill-2021 sal-2025, maqsuma sena b'sena? Jista' jagħti wkoll, għal kull sena, l-infiq totali fuq il-programm u n-numru ta' parteċipanti li, wara li temmewh, daħlu fl-impjieg jew komplew bl-edukazzjoni jew bit-taħriġ, filwaqt li jispeċifika l-perjodu li matulu ġew segwiti dawn ir-riżultati?

14/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni disponibbli dwar il-programm Youth.Inc hija kif ġej:

Sena	Temmew il-programm	Daħlu fl-impjieg	Komplew bit-taħriġ	Ma xtaqux jiġu segwiti
2021–2022	9 temmew kompletament u 14 parzjalment	9	16	4
2022–2023	25 temmew kompletament u 3 parzjalment	10	6	9
2023–2024*	—	2	4	2
2024–2025	19 temmew kompletament u 11 parzjalment	11	9	10

*Matul is-sena 2023–2024, minħabba bidliet fil-programm, ma kienx hemm grupp fit-tielet sena.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PROGRAMM YOUTH.INC – LISTA TA' STENNIJA

3522. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm postijiet disponibbli fil-programm Youth.Inc u kemm minnhom huma okkupati fil-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm hemm applikanti fuq il-lista ta' stennija, x'inhu ż-żmien medju ta' stennija u jekk hemmx pjanijiet biex tiżdied il-kapaċità tal-programm?

14/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm 79 parteċipant fil-programm Youth.Inc.
Ma hemm l-ebda applikant fuq il-lista ta' stennija.

Seduta Numru 24
19/10/2026

YOUTH WELLBEING FESTIVAL U LIFE SKILLS LAB

3523. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid liema indikaturi u metodi jintużaw biex jitkejlu r-riżultati u l-impatt fuq il-parteċipanti, separatament għall-Youth Wellbeing Festival u għal-Life Skills Lab tal-2026? Jista' jgħid ukoll jekk humiex ser jiġu ppubblikati rapporti ta' evalwazzjoni, is-sejbiet tal-konsultazzjonijiet maż-żgħażagħ u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minnhom, u jekk iva, meta? Jista' jgħid ukoll kif ser jiġu kkunsidrati dawn ir-riżultati fit-tfassil tal-politika pubblika?

14/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, matul il-Youth Wellbeing Festival 2026, inġabar rispons mingħand il-parteċipanti permezz ta' formoli ta' evalwazzjoni dwar l-esperjenza tagħhom, il-kwalità tal-attivitajiet u l-benefiċċji miksuba.
Fil-każ tal-Life Skills Lab 2026, inġabar feedback mingħand iż-żgħażagħ parteċipanti kif ukoll mingħand il-ġenituri tagħhom dwar l-esperjenza u l-benefiċċji tal-programm.
Il-feedback miġbur jintuża biex issir evalwazzjoni interna bil-għan li kull sena jitjiebu l-inizjattivi li jsiru sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ.

Seduta Numru 24
19/10/2026

KEJL TAL-BENESSERI

3524. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru għandux, jew huwiex qiegħed iħejji, qafas nazzjonali ta' indikaturi għall-kejl tal-benesseri? Jekk iva, jista' jispeċifika l-indikaturi magħżula, il-valuri ta' referenza, il-miri, is-sorsi tad-data u l-frekwenza li biha ser jiġu aġġornati u ppubblikati r-riżultati? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-qafas, jekk diġà jeżisti, jew jagħti ż-żmien previst għat-tlestija u l-pubblikazzjoni tiegħu?

14/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern diġà żviluppa qafas ta' indikaturi għall-kejl tal-benesseri permezz tal-Wellbeing Index, li għandu l-għan li jkejjel il-progress fil-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi, lil hinn mill-indikaturi ekonomiċi tradizzjonali.
Dan l-indiċi huwa mibni fuq għaxar dimensjonijiet u 20 indikatur, b'żewġ indikaturi għal kull dimensjoni. Id-dimensjonijiet jinkludu s-sostenibbiltà ambjentali, il-kwalità tal-ambjent lokali, is-saħħa, il-benesseri personali, l-akkomodazzjoni, il-protezzjoni soċjali, il-parteċipazzjoni ċivika u d-drittijiet, id-dħul u l-ġid, l-edukazzjoni u l-ħiliet, u l-kwalità tax-xogħol.
Kull dimensjoni għandha piż ugwali ta' 10% fl-indiċi ġenerali, filwaqt li ż-żewġ indikaturi fi ħdan kull dimensjoni għandhom piż ugwali bejniethom. Il-qafas huwa bbażat fuq data statistika minn sorsi uffiċjali, fosthom l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u l-Eurostat.
L-indiċi huwa bbażat fuq indikaturi statistiċi li d-data tagħhom tiġi aġġornata fuq bażi annwali. Madankollu, peress li l-indikaturi jiġu minn sorsi differenti, id-data rispettiva ma tkunx disponibbli kollha fl-istess żmien, u f'ċerti każijiet jgħaddu diversi xhur qabel ma tiġi ppubblikata. Għaldaqstant, l-indiċi se jiġi aġġornat perjodikament ladarba tkun disponibbli d-data kollha meħtieġa għall-indikaturi li jiffurmaw parti minnu.
Barra minn hekk, għaddejja ħidma sabiex, apparti l-indiċi ġenerali fuq livell nazzjonali, jiġu żviluppati ukoll indiċijiet speċifiċi għal kategoriji differenti tas-soċjetà. Fost dawn hemm indiċijiet iddedikati għall-anzjani u għaż-żgħażagħ, kif ukoll indiċi speċifiku għal Għawdex, sabiex ikun jista' jsir kejl aktar immirat tal-benesseri ta' dawn il-gruppi u tar-reġjun.
Dawn l-indiċijiet se jkomplu jsaħħu l-qafas eżistenti u jipprovdu għodda aktar dettaljata sabiex il-progress fil-benesseri jkun jista' jiġi mmonitorjat u evalwat b'mod aktar komprensiv.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PROGRAMM ELETTORALI – IMPLIMENTAZZJONIJIET TAL-MIŻURI

3525. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jispeċifika l-kriterji li jintużaw biex miżura tal-programm elettorali tiġi kklassifikata bħala implimentata, u jgħid min huwa responsabbli biex jivverifika li dawn il-kriterji jkunu ntlaħqu? Jista' jgħid ukoll liema dokumentazzjoni tintalab bħala prova tal-implimentazzjoni, kemm-il darba jitħejjew rapporti ta' progress, lil min jiġu ppreżentati u jekk dawn ir-rapporti humiex ser jiġu ppubblikati?

14/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-manifest elettorali beda immedjatament wara l-ħatra tal-membri tal-Kabinett il-ġdid, hekk kif il-proposti ġew assenjati lill-Ministri rispettivi skont id-dekasteru tagħhom.
Sussegwentement, kull Ministeru ntalab jinnomina project manager, responsabbli mit-twettiq tal-proposti assenjati lill-Ministeru rispettiv, kif ukoll jissottometti pjan ta' implimentazzjoni għal kull proposta elettorali.
Ġaladarba dawn il-pjanijiet jiġu approvati u ffinalizzati jittellgħu fuq sistema ta' project management, iddisinjata mill-MITA, sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ kontinwu f'real time.
Fir-rigward tar-rappurtar, kull xahar issir laqgħa li matulha l-project managers jirrappurtaw dwar il-progress li jkun sar. Kull tliet xhur, imbagħad, issir laqgħa individwali fil-preżenza tas-Segretarji Permanenti, li matulha nidħlu f'aktar dettall għal kull proposta. Barra minn hekk, il-Kabinett tal-Ministri jiġi aġġornat perjodikament dwar il-progress li jkun sar fit-twettiq tal-manifest elettorali, li jikkostitwixxi l-programm ta' ħidma tal-Gvern. Infatti, l-aħħar aġġornament sar fil-15 ta' Settembru, waqt laqgħa tal-Kabinett miftuħ, fejn matulha tħabbar it-twettiq ta' numru ta' proposti oħra.
Fi tmiem l-ewwel 100 jum ta' din il-leġiżlatura, saret ukoll konferenza li matulha ngħata rendikont tax-xogħol li sar, b'diversi kelliema minn setturi differenti jitkellmu dwar l-ewwel proposti li daħlu fis-seħħ.
Is-sistema u l-metodu ta' ħidma li qed noperaw bihom flimkien mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru jibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-aħħar tliet leġiżlaturi. Qed inkomplu nirfinaw u nsaħħu l-operat tagħna sabiex, għal darb'oħra, niżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-manifest elettorali.
Ir-rapporti u l-preżentazzjonijiet li jitħejjew huma għall-użu intern, filwaqt li l-Prim Ministru u jien nagħtu rendikont lill-pubbliku, perjodikament, dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-manifest elettorali.

Seduta Numru 24
19/10/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – INFIQ FUQ REKLAMAR

3526. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.

Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.

Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IMPACT ASSESSMENT FUQ L-EFFETT KUMULATTIV FUQ MALTA BĦALA STAT MEMBRU INSULARI TAL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRUNTIERI

3549. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3187, tista' l-Ministru tgħid jekk qabel l-adozzjoni tal-miżuri Ewropej imsemmija fl-istess mistoqsija, il-Gvern wettaqx jew ikkummissjonax valutazzjoni nazzjonali tal-impatt ekonomiku kumulattiv tagħhom fuq Malta bħala Stat Membru insulari u jekk iva, meta twettqet din il-valutazzjoni, minn min ġiet ikkummissjonata, liema entitajiet ipparteċipaw fiha, x'kienu l-konklużjonijiet tagħha u tqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

14/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif diġà ġie indikat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3187, l-Awtorità kompetenti flimkien ma' entitajiet oħra qiegħda twettaq evalwazzjoni tal-effetti individwali u kumulattivi ta' dawn il-mekkaniżmi fuq Malta.

Matul in-negozjati u l-adozzjoni tal-miżuri Ewropej rilevanti, il-Gvern Malti kkunsidra diversi analiżi, valutazzjonijiet tekniċi u ekonomiċi, konsultazzjonijiet u informazzjoni disponibbli fil-kuntest tal-proċess leġiżlattiv tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li konsistentement innegozja skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' Malta bħala Stat Membru insulari, b'mod partikolari fir-rigward tal-konnettività marittima u tal-ajru, id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet, il-kompetittività tan-negozji, il-piż amministrattiv fuq l-SMEs u l-impatti possibbli fuq il-konsumaturi. Dawn il-kunsiderazzjonijiet ġew riflessi fil-pożizzjonijiet li Malta ressqet matul id-diskussjonijiet Ewropej relatati ma' dawn il-miżuri.

Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li b'żieda mat-tweġibiet parlamentari l-oħra li ngħataw dwar il-materja, il-qafas Ewropew dwar il-klima qed ikompli jiġi implimentat u żviluppat permezz ta' strumenti differenti li jidħlu fis-seħħ progressivament.

Konsegwentement, l-evalwazzjoni tal-effetti individwali u kumulattivi mhijiex eżerċizzju ta' darba, iżda proċess kontinwu sew ta' monitoraġġ, anke ġbir ta' data, analiżi teknika u ekonomika, u konsultazzjoni mal-partijiet interessati.

Hekk kif tavvanza l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u ssir disponibbli aktar evidenza dwar l-effetti tagħhom fil-prattika, il-Gvern ser ikompli jevalwa l-impatti fuq Malta sabiex ikompli jinforma l-pożizzjonijiet li Malta tieħu fil-livell Ewropew.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IMPACT ASSESSMENT FUQ L-EFFETT KUMULATTIV FUQ MALTA BĦALA STAT MEMBRU INSULARI TAL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRUNTIERI

3550. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3187, jekk ma twettqitx valutazzjoni kumulattiva qabel l-adozzjoni tal-miżuri Ewropej imsemmija fl-istess mistoqsija, tista' l-Ministru tgħid x'valutazzjonijiet ekonomiċi, settorjali jew oħrajn intużaw sabiex jiġu stabbiliti l-pożizzjonijiet ta' Malta fin-negozjati Ewropej u għaliex ma saritx valutazzjoni komprensiva tal-impatt fuq l-ekonomija Maltija?

14/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 3549.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IMPACT ASSESSMENT FUQ L-EFFETT KUMULATTIV FUQ MALTA BĦALA STAT MEMBRU INSULARI TAL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRUNTIERI

3551. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3187, tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsabu l-analiżijiet tekniċi u ekonomiċi li indikat li qed jitwettqu, liema entitajiet jew esperti qed iwettquhom, x'inhu l-ambitu tagħhom u meta huwa previst li jitlestew?

14/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 3549.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IMPACT ASSESSMENT FUQ L-EFFETT KUMULATTIV FUQ MALTA BĦALA STAT MEMBRU INSULARI TAL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRUNTIERI

3552. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3187, tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern hux ser jippubblika r-riżultati tal-analiżijiet tekniċi u ekonomiċi li indikat li qed jitwettqu, inklużi stimi kwantitattivi tal-impatt fuq l-ispejjeż tat-trasport marittimu u bl-ajru, l-importazzjoni ta' prodotti essenzjali, il-kompetittività tan-negozji, l-inflazzjoni u l-għoli tal-ħajja għall-familji Maltin u Għawdxin?

14/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 3549.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IMPACT ASSESSMENT FUQ L-EFFETT KUMULATTIV FUQ MALTA BĦALA STAT MEMBRU INSULARI TAL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRUNTIERI

3553. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3187, tista' l-Ministru tgħid jekk l-analiżijiet tekniċi u ekonomiċi li indikat li qed jitwettqu humiex qed jikkunsidraw ukoll l-effett kumulattiv fuq l-esportazzjonijiet Maltin, partikolarment il-każijiet fejn negozju jġarrab spejjeż relatati mal-emissjonijiet fuq it-trasport tal-materja prima u l-komponenti importati, fuq il-produzzjoni lokali fejn applikabbli, u għal darb'oħra fuq it-trasport tal-prodotti lesti lejn swieq barranin, kif ukoll l-effetti potenzjali fuq il-kompetittività tal-esportaturi Maltin meta mqabbla ma' dawk ta' Stati Membri li għandhom aċċess dirett għat-trasport bit-triq jew bil-ferrovija?

14/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 3549.

Seduta Numru 24
19/10/2026

L-ISPTAR MOUNT CARMEL – IN-PATIENTS

3562. L-ONOR. STEPHEN SPITERI staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti ġewwa l-Isptar Mount Carmel bħala in-patients fil-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-pazjenti qegħdin għal kura ta' saħħa mentali, użu tad-droga jew sustanzi abbużivi?

14/10/2026

ONOR. IAN BORG: Infurmat li fl-Isptar Mount Carmel, li huwa faċilità għal kura tas-saħħa mentali, fil-preżent hemm 235 pazjent.

Seduta Numru 24
19/10/2026

SERVIZZ TAS-SAĦĦA – PSIKJATRI, PSIKOLOGI, PSIKOTERAPISTI U SOCIAL WORKERS FULL-TIME

3563. L-ONOR. STEPHEN SPITERI staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm psikjatri jaħdmu mas-Servizz tas-Saħħa full-time? Jista' jgħid ukoll kemm hemm psikologi, psikoterapisti u social workers jaħdmu full-time mas-Servizz tas-Saħħa?

14/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PERSUNI LI NĦELSU MILL-FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN

3571. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni li nħelsu mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin reġgħu ddaħlu l-ħabs wara l-ħelsien tagħhom bejn l-2021 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm persuni bbenefikaw s'issa mill-programm Offender Aftercare and Reintegration Support (OARS)?

15/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

VJOLENZA DOMESTIKA – ORDNIJIET TA' PROTEZZJONI

3572. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu ordnijiet ta' protezzjoni mill-Qrati f'każijiet ta' vjolenza domestika bejn l-2021 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm ġew irrappurtati ksur ta' dawn l-ordnijiet u kemm tressqu persuni il-Qorti b'rabta ma' dawn il-ksur?

15/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

VJOLENZA DOMESTIKA – KAŻIJIET

3573. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jipprovdi statistika aġġornata dwar in-numru ta' każijiet ta' vjolenza domestika rrappurtati f'Malta u Għawdex mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont l-età u l-ġeneru tal-vittmi? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-każijiet kienu jinvolvu vittmi li kienu diġà għamlu rapporti preċedenti lill-Pulizija?

15/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Hawn taħt għandkom issibu żewġ tabelli bl-informazzjoni mitluba.

Vittmi Maskili u femminili	**Eta' bejn 0 u 17**	**Eta' bejn**	**Eta'**	**Total ta vittmi**	**Numru ta' każi**
		18 u 59	**60+**	**Sal-14/10/26**	
Domestic Violence Malta Vittmi	119	1405	239	1763	1638
Domestic Violence Għawdex - Vittmi	8	121	18	147	140
Total Malta and Gozo	**127**	**1526**	**257**	**1910**	**1778**

It-tabella t'hawn taħt tindika n-numri ta' vittmi skont il-ġeneru, f'Malta u Għawdex.

Vittmi Femminili	**Eta bejn**	**Eta bejn**	**Eta**	**Total**
	0 u 17	**18 u 59**	**60+**	**Sal-14/10/26**
	61	1031	153	1245
Vittmi Maskili	**Eta bejn**	**Eta bejn**	**Eta**	**Total**
	0 u 17	**18 u 59**	**60+**	**Sal-14/10/26**
	66	495	104	665

Seduta Numru 24
19/10/2026

SUWIĊIDJI – SENA 2026

3574. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm persuni tilfu ħajjithom b'suwiċidju f'Malta u Għawdex matul is-sena 2026 u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jaqsam din l-informazzjoni skont l-età u l-ġeneru?

15/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

L-ISPTAR MATER DEI – ANZJANI LI BAQGĦU RIKOVERATI

3575. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm baqgħu rikoverati anzjani fl-Isptar Mater Dei minkejja li kienu ngħataw l-permess mediku biex joħorġu, bejn l-2021 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, minħabba nuqqas ta' appoġġ fid-dar jew nuqqas ta' post f'faċilità ta' kura residenzjali? Jista' wkoll jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena u jgħid kemm kien iż-żmien medju ta' stennija għal dawn il-persuni?

15/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IL-KALKARA – TRIQ IL-KANUN TAL-MILJA – ŻIEDA FID-DAWL

3589. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan biex jiżdied id-dawl fi Triq il-Kanun tal-Milja, il-Kalkara, b'mod partikolari fl-inħawi fejn jinsabu l-bus stops, sabiex ikun hemm aktar viżibilità u sigurtà għall-passiġġieri li jużaw it-trasport pubbliku, speċjalment matul il-ħinijiet ta' filgħaxija?

15/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari 3590.

Seduta Numru 24
19/10/2026

IL-KALKARA – TRIQ IL-KANUN TAL-MILJA – ŻIEDA FID-DAWL

3590. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx pjan biex jiżdied id-dawl fi Triq il-Kanun tal-Milja, il-Kalkara, b'mod partikolari fl-inħawi fejn jinsabu l-bus stops, sabiex ikun hemm aktar viżibilità u sigurtà għall-passiġġieri li jużaw it-trasport pubbliku, speċjalment matul il-ħinijiet ta' filgħaxija?

15/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara li Triq il-Kanun tal-Milja hi mdawla permezz t'arbli li ilhom is-snin fil-post. Il-parti li qed issir referenza għaliha hi parti qasira ta' ftit metri. Intant lura għas-sena l-oħra,
fl-estensjoni ta' din it-Triq li llum jisimha Triq Wied Għammieq, ġew installati numru t' arbli ġodda biex iż-żona ddawlet għall-ewwel darba wara tant snin fid-dlam.

Seduta Numru 24
19/10/2026

ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IN-NEVEW – RAPPORTI DWAR RAMPI

3591. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm rapporti fuq xi rampi jostakolaw il-bankina fi Triq in-Nevew ġewwa Ħaż-Żabbar? Tista' tgħid ukoll jekk hemmx ħsieb li dawn jitranġaw biex ikunu aċċessibbli għar-residenti?

15/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar li l-Kunsill Lokali m'għandu l-ebda rapport uffiċjali dwar rampi li qed jostakolaw il-bankina fi Triq in-Nevew, Ħaż-Żabbar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PJAZZA TA' ĦAL TARXIEN – XOGĦLIJIET – KONSULTAZZJONIJIET MAL-KUNSILL LOKALI

3592. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk Infrastructure Malta kkonsultatx mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien qabel bdew ix-xogħlijiet fuq il-Pjazza ta' Ħal Tarxien? Tista' tgħid ukoll xi studji u riċerka saru qabel il-bidu tagħhom, u x'sehem kellu l-Kunsill Lokali fl-ippjanar u fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar dawn ix-xogħlijiet?

15/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3593.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PJAZZA TA' ĦAL TARXIEN – XOGĦLIJIET – KONSULTAZZJONIJIET MAL-KUNSILL LOKALI

3593. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk Infrastructure Malta kkonsultatx mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien qabel bdew ix-xogħlijiet fuq il-Pjazza ta' Ħal Tarxien? Jista' jgħid ukoll xi studji u riċerka saru qabel il-bidu tagħhom, u x'sehem kellu l-Kunsill Lokali fl-ippjanar u fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar dawn ix-xogħlijiet?

15/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan kien proġett li oriġina mill-Kunsill Lokali li kien propona din it-talba għand Infrastructure Malta sabiex isir il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-pjazza u l-madwar.

Il-proġett tax-xogħlijiet fil-Pjazza huwa proġett imexxi u ffinanzjat minn Infrastructure Malta. Il-Kunsill Lokali jinżamm infurmat b'mod kontinwu dwar ix-xogħlijiet proposti, inkluż id-disinn tal-proġett kif ippreżentat mill-entità responsabbli u kkonsultat fuq kull tip ta' deċiżjonijiet relatati mal-estetika fosthom madum, sistema ta' dawl u anki disinn u traffic management u l-għamara tal-pjazza. B'koordinament mal-Kunsill Lokali saru numru ta' konsultazzjonijiet mal-għaqdiet ta' Hal Tarxien, kif ukoll mar-residenti tal-madwar.

Fir-rigward tal-istudji, ir-riċerka u kwalunkwe valutazzjonijiet tekniċi jew preparatorji li setgħu saru jew kienu meħtieġa qabel il-bidu tax-xogħlijiet, infurmata mill-Kunsill Lokali li dawn kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' Infrastructure Malta, bħala l-entità inkarigata mill-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġett. Infurmata wkoll li l-Kunsill Lokali kien qiegħed ikun ikkonsultat u kien qed isegwi l-progress tal-proġett.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PJAZZA TA' ĦAL TARXIEN – ĊERIMONJA TAL-INAWGURAZZJONI – SPIŻA TOTALI

3594. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża totali taċ-ċerimonja uffiċjali tal-inawgurazzjoni tal-Pjazza ta' Ħal Tarxien li saret fl-2026?

15/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 24
19/10/2026

BIRŻEBBUĠA – KONKOS FI TREJQA

3595. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3222 u jgħid jekk is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għamlitx investigazzjoni dwar konkos li sar fi trejqa qrib id-Dar ta' Pultu, fil-limiti ta' Birżebbuġa? Jekk iva, jista' jgħid x'kien ir-riżultat u/jew x'azzjoni ttieħdet u/jew ser tittieħed?

15/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li uffiċjali tas-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali ser ikunu qed jispezzjonaw is-sit fil-ġranet li ġejjin.

Seduta Numru 24
19/10/2026

TAX RATE FOR INCOME FROM SPORTS ACTIVITIES – INVESTIGAZZJONI

3596. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi investigazzjoni mill-Kummissarju għat-Taxxi Interni fuq xi tip ta' abbuż rigward Tax Rate for Income from Sports Activities u jekk iva, fuq liema dixxiplina saret din l-investigazzjoni?

15/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat

Seduta Numru 24
19/10/2026

TAX RATE FOR INCOME FROM SPORTS ACTIVITIES – INVESTIGAZZJONI

3597. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi investigazzjoni mill-Kummissarju għat-Taxxi Interni fuq xi tip ta' abbuż rigward Tax Rate for Income from Sports Activities u jekk iva, fuq liema dixxiplina saret din l-investigazzjoni?

15/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant ilil l-MTCA twettaq verifiki bbażati fuq ir-riskju f'diversi oqsma, inkluż fir-rigward tar-rata tat-taxxa applikabbli għal dħul minn attivitajiet sportivi.

Dettalji dwar każijiet jew verifiki speċifiċi, inkluż id-dixxiplina sportiva kkonċernata, ma jistgħux jiġu żvelati minħabba d-dispożizzjonijiet dwar is-segretezza skont il-liġijiet tat-taxxa.

Seduta Numru 24
19/10/2026

PROPRJETAJIET MIXTRIJA MINN PERSUNI LI MA KENUX ĊITTADINI MALTIN

3598. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw proprjetajiet f'Malta u f'Għawdex minn persuni li ma kenux ċittadini Maltin fil-mument li sar il-kuntratt sena b'sena mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

15/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 24
19/10/2026

STRUTTURI ILLEGALI – SENA 2025

3599. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3220 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1432, jista' l-Ministru jgħid f'liema lokalità kienu jinstabu l-każijiet ta' strutturi li sal-aħħar tas-sena 2025 li għalkemm ħallsu l-multa massima kienu għadhom illegali, irregolari jew mhux sanzjonati u jekk inbidilx l-istatus tagħhom mill-aħħar tal-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

15/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-każijiet imsemmija, kien hemm bidla fl-istatus ta' każ wieħed biss, fil-lokalità ta' Ħal Qormi, fejn l-iżvilupp illegali tneħħa. Fir-rigward tal-każijiet fin-Naxxar, Ħal Luqa u l-Mellieħa, ma kien hemm l-ebda bidla fl-istatus tagħhom sa mil-aħħar tal-2025.

Seduta Numru 24
19/10/2026

SKEMA TAL-10% DEPOŻITU U SKEMA TA' QSIM TA' EKWITÀ – NUMRU TA' APPLIKAZZJONIJIET MIĊĦUDA

3600. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3219 u jipprovdi, separatament għall-iskema tal-10% Depożitu u għall-Iskema ta' Qsim ta' Ekwità, għal kull sena mill-2022 sal-2025 u għall-2026 sal-aħħar data disponibbli, in-numru ta' applikazzjonijiet miċħuda minħabba:
(a) dħul ogħla mil-limitu, kemm qabżuh b'sa €1,000, b'bejn €1,001 u €5,000, u b'aktar minn €5,000;
(b) dħul taħt il-minimu applikabbli jew insuffiċjenti għall-ħlas tas-self;
(ċ) età;
(d) assi jew ownership ta' proprjetà oħra;
(e) prezz jew valur tal-proprjetà ogħla mill-limitu;
(f) nuqqas ta' konformità ma' kriterji oħra tal-bank; jew
(g) raġunijiet oħra, li għandhom jiġu speċifikati?
Jista' l-Ministru jiddistingwi bejn ċaħdiet mill-Awtorità u dawk mill-bank, u jgħid kemm-il applikazzjoni ġiet approvata mill-Awtorità iżda sussegwentement miċħuda mill-bank? Fejn applikazzjoni għandha aktar minn raġuni waħda, jista' jiċċara dan sabiex jiġu evitati kalkulazzjonijiet doppji?

15/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – KAROZZI – SPIŻA ANNWALI

W288. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tipprovdi l-ispiża annwali ta' kull karozza (GM) fil-ministeru tagħha u jekk dawn huma mixtrija, tista' tgħid kemm kienu jiswew meta nxtraw?

22/06/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili hemm karozza waħda GM li hija mikrija f'konformità mal proċeduri ta' akkwist pubbliku.

Seduta Numru 24
19/10/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – AWDITUR ĠENERALI – RAKKOMANDAZZJONIJIET

W436. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rakkomandazzjonijiet mill-Awditur Ġenerali jew minn awtoritajiet regolatorji li ġew implimentati mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħtu matul l-aħħar ħames snin?

22/07/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari W421.

Seduta Numru 24
19/10/2026

POSTIJIET TAX-XOGĦOL – PROMOZZJONIJIET TAL-UGWALJANZA

W683. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew iffinanzjati inizjattivi biex tiġi promossa l-ugwaljanza fil-postijiet tax-xogħol?

05/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li taħt il-Programm Operattiv tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għal Malta 2014–2020 u l-Programm tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) għal Malta 2021–202, ġew iffinanzjati sittax-il inizjattiva li kkontribwew għall-promozzjoni tal-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol.

Seduta Numru 24
19/10/2026